# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 22 ta' April, 2024.

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 49/2023 ISB**

1. **Salvatore sive Salvu Cutajar** (Detentur tal-Karta ta' l-Identità Nru: 375142M); u
2. **Carmelo Marie sive Charles Cutajar** (Detentur tal-Karta ta' l-Identità Nru: 532363M)

**vs**

1. **S.C. & Company Limited** (C6050);
2. **John Mary sive Marjohn Cutajar** (Detentur tal-Karta ta' l-Identità Nru: 510672M);
3. **Joseph Mary Cutajar** (Detentur tal-Karta ta' l-Identità Nru: 467966M) f'ismu proprju u bħala kuratur u għan-nom u in rappreżentanza ta' Leonarda Cutajar (Detentriċi tal-Karta tal-Identità Nru: 410141M);

4. **Leonard Cutajar** (Detentur tal-karta ta' l-Identità Nru: 474767M) f'ismu proprju u bħala kuratur u għan-nom u in rappreżentanza tal-istess **Leornarda Cutajar** (Detentriċi tal-Karta ta' l-Identità Nru: 410141M);
5. **Michael Cutajar** (Detentur tal-Karta ta' l-Identita' Nru: 610464M) f'ismu proprju u in rappreżentanza ta' **Mary Rose Bristow** (Detentriċi tal-Karta ta' l-Identità Nru: 135271M); u
6. **Dr. Justine Scerri Herrera** bħala kuratriċi u għan-nom u in rappreżentanza ta' Saviour Mary Cutajar (Detentur tal-Karta ta' l-Identità Nru: 263777M)
7. **Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Salvatore sive Salvu Cutajar et**, intavolat fis-26 ta' Lulju 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

***1.*** *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-laqgħa straordinarja tas-soċji ta' S.C. & Company Limited ta' nhar il-15 ta' Awissu 2020 u/jew ir-riżoluzzjonijiet meħuda fl-istess laqgħa huma nulli u bla ebda' effett u konsegwentement tirrevoka u tħassar l-istess riżoluzzjonijiet u deċiżjonijiet;*

***2.*** *Konsegwentement tagħti dawk l-ordinijiet neċessarji lill-imħarrek Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħassar ukoll il-Form K u d-dokumenti anċillari, u l-kontijiet soċjali provduti mill-konvenuti, jew min minnhom, mir-Reġistru tal-Kumpaniji u sabiex jerġa jqiegħed isem ir-rikorrent Salvatore Cutajar bħala direttur tas-soċjeta' S.C. & Company Limited;*

***3.*** *Tiddikjara u tiddeċiedi ulterjorment illi kwalsijasi deċiżjoni meħuda u/jew addottata mid-diretturi attwali b'effett mill-15 ta' Awissu 2020 sad-data tas-sentenza huma lkoll nulli u bla ebda' effett;*

***4.*** *Tiddikjara u tiddeċiedi ulterjorment illi l-kontijiet soċjali pprovduti mill-konvenuti lill-konvenut Reġistratur tal-Kumpaniji huma skorretti billi ma jindikawx il-kreditu u/jew self realment dovut lir-rikorrent Salvatore Cutajar u tordna d-debita korrezzjoni tagħhom;*

***5.*** *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta S.C. & Company Limited hija debitriċi tar-rikorrent Salvatore Cutajar u konsegwentement tillikwida il-*

*kreditu lilu dovut u tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata bl-imgħax legali;*

***6.*** *Tagħti ukoll dawk l-ordinijiet temporanji u kull provvediment ieħor li jservu biex jiġi rispettat l-istatus quo sakemm tiġi mistħarġa l-kwistjoni bejn l-azzjonisti;*

***7.*** *Alternattivament, u f'każ biss illi dina l-Onorabbli Qorti tqis illi għandha tiċħad it-talbiet supra, tillikwida kumpens xieraq lir-rikorrent Salvatore Cutajar b'konsegwenza tat-terminazzjoni tiegħu bħala direttur u tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, biex iħallsu l-kumpens hekk likwidat bl-imgħax legali.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u bl-ispejjeż tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1123/2023/1 fl-ismijiet "**Salvatore Cutajar -vs- S.C. & Company Limited**" (ara provvediment "**Dok. D**")*

U dan wara li ppremettew:

*Illi r-rikorrenti huma azzjonisti tas-socjeta` S.C. & Company Limited (C6050) u ghandhom partecipazzjoni komplessiva ta` ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) ta` l-ishma kollha tas-socjeta` S.C. & Company Limited skond il-Memorandum u l-Istatut ta` l-istess socjeta` hawn annessa u mmarkat Dok A. Ir-rikorrent Salvatore Cutajar kien, sa ftit taż-żmien ilu, wkoll direttur tal-istess soċjetà;*

*Illi permezz ta' avviż datat il-21 ta' Lulju 2020 il-konvenuti, jew min minnhom, ukoll azzjonisti fl-istess soċjetà, bagħtu jagħrfu lir-rikorrenti illi kienet ser tinżamm laqgħa straordinarja tal-kumpanija nhar il-15 ta' Awissu 2020 fit-8:00 am, li hija btala pubblika speċifikatament preskritta fl-Iskeda tal-Kap. 252 (ara art 5(1) tiegħu) tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi fl-aġenda ta' din il-laqgħa straordinarja kien hemm inkluż riżoluzzjoni sabiex ir-rikorrent Salvatore Cutajar jiġi mneħħi minn Direttur ta' din l-istess soċjetà;*

*Illi immedjatament kif appena rċieva dan l-avviż ir-rikorrent Salvatore Cutajar ma baqax passiv u immedjatament inkariga lill-avukat sottofirmat sabiex jikteb lill-avukat tal-konvenuti bi protesta għal dan l-aġir u għad-data li ntgħażlet (ara kopja ta' din il-korrispondenza hawn unita u mmarkata "Dok. B1" u "Dok. B2");*

*Illi minkejja dawn it-twissijiet, il-laqgħa inżammet xorta u din ir-riżoluzzjoni għaddiet. Għal darb' oħra ir-rikorrent Salvator Cutajar ma baqax passiv u immedjatament intavola protest ġudizzjarju kontra l-azzjonisti l-oħra u l-kumpanija, liema protest ġie ukoll notifikat lir-Reġistratur konvenut, li permezz tiegħu fisser illi dik il-laqgħa u dik ir-riżoluzzjoni saret b'qerq u b'malizzja, li hija bla fondament u li hija rregolari u b'hekk interpellahom¸ inter alia, sabiex immedjatament jirtiraw u/jew iħassru d-deċiżjoni u/jew*

*riżoluzzjoni minnhom meħuda fil-15 ta' Awissu 2020 (ara kopja ta' dan il-protest ġudizzjarju hawn unit u mmarkat "Dok. C"). Illi ta' min isemmi illi din il-prassi baqgħet tiġi addottata għal-laqgħat annwali li seħħew wara l-2020, kif ser jiġi ppruvat;*

*Illi madankollu ġara illi meta l-konvenuti marru sabiex jirreġistraw il-Form K mal-konvenut Reġistratur tal-Kumpanija, t-tali dokument ma ġiex aċċettat mill-istess Reġistratur, bħalma lanqas ma kienu qed jiġu aċċettati r-reġistrazzjoni tal-Annual Return tas-sena 2020 u l-kontijiet soċjali tal-istess soċjetà;*

*Illi għalhekk, minkejja d-deċiżjoni meħuda abbużivament (kif ser jiġi premess u spjegat) Salvatore Cutajar baqa' jidher, b'mod uffiċjali u pubbliku, bħala direttur tas-soċjetà S.C. & Company Limited;*

*Illi di fatti, u abbażi tar-rifjut tal-konvenut Reġistratur ta' din il-Form K u d-dokumenti u kontijiet oħra, il-konvenuti kienu fetħu proċeduri ġudizzjarji kontra l-istess Reġistratur quddiem dina l-Onorabbli Qorti (Rikors Nru. 73/2020 ISB);*

*Illi permezz tas-sentenza proferita minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Frar 2023 fl-ismijiet "Michael Cutajar et -vs- Reġistratur tal-Kumpaniji" (Rikors Nru. 73/2020 ISB)*

> *illi l-Formola K li turi it-tneħħija ta' Salvatore Cutajar minn direttur tal-Kumpannija de quo u s-sostituzzjoni tiegħu b'Leonard Cutajar, kif ukoll illi l-attur Michael Cutajar inħatar segretarju in sostituzzjoni ta' Marjohn Cutajar, ghanda tiġi reġistrata w pubblikata mill-intimat Registratur skond il-liġi, fi żmien ta' mhux aktar minn hmistax il-gurnata mill-llum;*
>
> *lir-Reġistratur intimat illi jaccetta u jirregistra l-Annual Return għas-sena 2020 fi żmien mhux aktar minn ħmistax il-gurnata mill-llum u, tenut kont id-dikjarazzjoni tar-Registratur intimat maghmula fir-rigward, tordna illi din ir-registrazzjoni tinghata effett mid-data tal-prezentata lilu ghall-istess registrazzjoni; u*
>
> *illi l-kontijiet soċjali tal-Kumpannija jiġu reġistrati w pubblikati mill-intimat Registratur skond il-liġi fi żmien mhux aktar minn hmistax il-jum mill-llum, bir-rizerva spettanti lilu illi jara illi jigbor kwalsiasi penali li tista' tkun dovuta mid-diretturi u/jew ufficcjali ohra tal-kumpannija ghal kwalsiasi nuqqasijiet legali li jistghu jigu riskontrati u determinati minnhu.*
>
> *Illi f'dik il-kawża ġie ritenut mill-konvenut Reġistratur tal-Kumpaniji illi huwa għażel li jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu ai termini tal-proviso tal-artikolu 146 tal-Att Dwar il-Kumpaniji li jirrifjuta li jirreġistra l-prospett (Form K) in kwantu kien konxju bil-problemi notevoli li jeżistu bejn l-azzjonisti u li jirrifjuta li jirreġistra l-Annual Return u l-kontijiet soċjali il-għaliex fil-fiehma tiegħu ma kienux saru skont il-liġi u/jew skont il-formola idoneja;*

*Illi r-rikorrent Salvatore Cutajar kien ġie mogħti l-permess jintervjeni f'dik il-kawża permezz ta' provvediment tal-istess Onorabbli Qorti datat il-25 ta' Frar 2021 u ġie għalhekk ukoll permess jippreżenta risposta sabiex isostni il-pożizzjoni tal-konvenut Reġistratur u jfisser ukoll it-teżi tiegħu illi r-*

*riżoluzzjoni straordinarja li permezz tagħha huwa ġie terminat bħala direttur tal-kumpanija kienet waħda għal kollox nulla u irregolari;*

*Illi fis-sentenza tagħha dina l-Onorabbli Qorti fissret illi ma kenitx ser tidħol fil-mertu tal-kwistjonijiet bejn il-partijiet (tajjeb li jingħad illi hemm għexieren ta' proċeduri ġudizzjarji għaddejjin bejn il-partijiet, inkluż kawża għax-xoljiment u stralċ tal-istess soċjetà S.C. & Company Limited), iżda llimitat l-eżami tagħha biss fuq il-punt jekk il-konvenut Reġistratur kellux il-jedd u/jew is-setgħa, skont il-liġi, biex jirrifjuta r-reġistrazzjoni tad-dokumenti hawn fuq indikati;*

*Illi fl-istess sentenza tagħha dina l-Onorabbli Qorti qieset illi għalkemm ma kellix dubju li r-Reġistratur aġixxa in bona fede fl-għemil tiegħu, ma kellux it-tali setgħa skont il-liġi u ma kienx kompitu tiegħu li jidħol fi kwistjonijiet li jistgħu jeżistu bejn is-soċji. Huwa invece kellu obbligu jirreġistra dawk id-dokumenti sakemm ma kienux kolpiti b'xi difett materjali jew nuqqas legali;*

*Illi l-esponenti rispettosament jippremettu illi sijja l-laqgħa straordinarja ta' nhar il-15 ta' Awissu 2020 u sijja r-riżoluzzjonijiet meħuda waqt l-istess laqgħa huma nulli u bla ebda effett u għandhom għalhekk jiġu mħassra għal finijiet u effetti kollha tal-liġi u dan għar-raġunijiet li ser isegwu, liema raġunijiet ma humiex eżawrjenti:-*

*Illi ibda' biex il-laqgħa in kwistjoni issejħet b'qerq u b'malizzja u/jew b'mala fidi fi btala pubblika preskritta fil-liġi u dan sabiex ikun aċċertat illi ma jkunx possibbli li r-rikorrent Salvatore Cutajar ikun assistit kif jistħoqqlu u/jew sabiex dik il-possibilità tkun waħda għal kollox remota kemm jista' jkun. Diversi kienu l-okkażjonijiet fejn professjonisti legali u/jew accountant tar-rikorrent Salvatore Cutajar ġew imkeċċija mil-laqgħat, anke' b'mod aggressiv, kif ser jiġi ppruvat. B'hekk jiġi sostnut illi t-tali data intgħażlet apposta u bl-akbar dovut rispett ir-raġunament tal-konvenuti illi dik hija l-unika ġurnata "fejn jista jattendi kullħadd" hija mhux biss irraġjonevoli iżda pwerili u qajla tista' titwemmen;*

*Illi wkoll il-lok fejn kienu qed jinżammu dawn il-laqgħat ma kienx wieħed idoneju. Dan kien jikkonisisti f'garaxx mimli imbarazz u vettura kif ser jiġi ppruvat;*

*Illi wkoll l-azzjonisti Leonard Cutajar u Joseph Mary Cutajar, flimkien mal-azzjonisti l-oħra salv għar-rikorrenti u Saviour Maria sive Silvio Cutajar, inabilitaw lill-azzjonista Leonarda Cutajar u saħansitra l-imsemmija Leonard Cutajar u Joseph Mary Cutajar inħatru kuraturi tagħha. Dan sar b'qerq jew b'mod għal kollox irregolari in kwantu l-istess azzjonisti eskludew għal kollox lir-rikorrent Charles Cutajar u lill-Silvio Cutajar mit-tali proċedura u qas biss għarrfu lill-Qorti li huma ukoll kienu ulied Leonarda Cutajar. Dik il-kurazija hija għalhekk monka u ċertament li tikkonsisti f'kunflitt ta' interess flagranti in kwantu l-istess Leonard u Joseph Mary Cutajar¸ qua kuraturi, jisservew bil-vot ta' ommhom Leonarda Cutajar biex jieħdu u/jew jottjeni l-eżitu li jridu. Dwar dan il-punt ukoll hemm proċeduri ġudizzjarji pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rikors Ġuramentat Nru. 316/2022 FDP);*

*Illi wkoll assolutament ma huwiex minnu illi r-rikorrent Salvatore Cutajar irid jew qiegħed jagħmel ħsara lill-kumpanija u/jew mhux jaġixxi bid-diliġenza ta' bonus paterfamilias f'ħidmietu għal kumpanija. Jiġi rispettosament*

*imfakkar illi kien ir-rikorrent Salvatore Cutajar, bi flusu, illi akkwista l-maġġor parti tal-assi tal-kumpanija; kien u għadu Salvatore Cutajar illi għadu qed jissielet għal kumpens u l-benessri tal-kumpanija ma' entitajiet governattivi illi fl-imgħoddi esproprjaw uħud mill-artijiet tal-istess kumpanija u/jew għamlu ħsara fiha; kien u għadu Salvatore Cutajar illi fin-negozjati jagħmel l-almu tiegħu biex iġib l-aqwa prezz u rikavat għal kumpanija. Mill-banda l-oħra l-uniku interess li għandhom il-konvenuti l-oħra huwa li jdawru l-assi immobiljari tal-kumpanija għal fuqhom stess u għal lukru personali tagħhom, kif ġjà għamlu fil-passat, qed jagħmlu llum u beħsiebhom ikomplu jagħmlu għada pitgħada. Tajjeb li jingħad illi saħansitra uħud minnhom dawru proprjetà tal-kumpanija għal fuqhom fi żmien meta l-kumpanija kienet mhux biss bla diretturi iżda saħansitra milquta b'mandat ta' inibizzjoni. Dan kollu ser jiġi ppruvat;*

*Illi dwar il-konvenju ma' TumInvest Limited li kien jikkonċerna l-bejgħ ta' barriera ta' ċirca ħamest itmiem sitwata f'Tal Qroqq u tomnejn art oħra fi Sqaq it-Torri, l-Imsida, irid jingħad, fl-ewwel lok, li kien ir-rikorrent Salvatore Cutajar illi għamel in-negozju bikri ta' dan il-ftehim u nnegozja il-prezz ta' €6,450,000. Huwa ġie, imbagħad, imwarrab mill-konvenuti l-oħra għal dak li għandu x'jaqsam mal-partikolaritajiet speċifiċi ta' dan il-ftehim u l-konvenju relattiv; konvenju jrid jingħad li kien wieħed żbilanċjat u sfavorevoli għall-interessi tal-kumpanija. Tajjeb li jingħad ukoll illi l-konvenut Marjohn Cutajar fil-fatt jaħdem mal-istess Tumas Group. Jingħad illi dan il-konvenju huwa sfavorevoli il-għaliex kien nieqes minn kull forma ta' depożitu akkont tal-prezz , jew jekk kien hemm xi depożitu r-rikorrenti ma għandhom l-ebda' ħjiel minn seta' ħadu jew żammu. Dak li ttenta jagħmel ir-rikorrent Salvatore Cutajar kien illi wara tliet snin (3) sħah ma sar xejn (ma nġiebu l-ebda' permessi) talab biex almenu jitħallas depożitu akkont tal-prezz, iżda għal darb oħra s-Sur Sullivan irrifjuta jħallas depożitu u għal darb oħra l-konvenuti kkapitulaw. Illi f'kull każ kien għażla tal-konvenuti li immedjatament qabdu u ammettew il-kawża miftuħa minn TumInvest Ltd u tajjeb li jingħad ukoll illi minkejja s-sentejn estensjoni akkordat lill-istess TumInvest, xorta waħda ma sarx il-kuntratt finali ta' bejgħ. Finalment irid jingħad illi l-kumpanija qabdet u ammettiet it-talba (Rik. Ġur. 594/2019 GM) mingħajr ebda' diskussjoni u ftehim mar-rikorrenti.*

*Illi f'kull każ, u dejjem mingħajr ebda' preġudizzju għall-premess, l-esponenti ma għandhom l-ebda fiduċja fit-tmexxija tad-diretturi Leonard Cutajar u Marjohn Cutajar, u l-esperjenza s'issa għallmet illi dawn mhux ser jinvolvuhom bl-ebda' mod fin-negozjati li ser ikunu qed jagħmlu dwar l-assi tal-kumpanija (li kif ingħad inxtraw minn flejjes personali tar-rikorrent Salvatore Cutajar u l-ex martu Leonarda Cutajar), jekk mhux ukoll idawru l-istess proprjetajiet fuqhom infushom jew fuq il-konvenuti l-oħra. Ir-rikorrent Salvatore Cutajar, li issa għandu fuq it-tmenin (80) sena, jista' bla tlaqliq jistqarr illi kemm-il darba sema', direttament u indirettamenti, illi ser jagħmlu minn kollox biex jarawh imut midjun u fi stat ta' inikwità.*

*Illi l-esponenti rispettosament jippremettu ukoll illi ma jaqblux mal-kontijiet soċjali provduti mill-konvenuti l-oħra lill-konvenut Reġistratur. Filwaqt li l-konvenuti jirrikonoxxu, anke' sa reċentement, illi r-rikorrent Salvatore Cutajar huwa tassew kreditur tal-kumpanija f'ammont sostanzjali, ma hemm'x qbil bejn il-partijiet fuq l-ammont li realment huwa dovut lilu, anzi*

*hemm baħar jaqsam bejn iż-żewġ naħat u sfortunatament hija għalhekk meħtieġa id-deċiżjoni aħħarija ta' Qorti fir-rigward.*

*Illi interpellati diversi drabi sabiex iħallsu lir-rikorrent Salvatore Cutajar il-kreditu lilu dovut, huma baqgħu għal kollox inadempjenti.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 10 sa fol 23).

Rat **id-digriet** tagħha tas-26 ta' Lulju 2023 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023 fid-9:30 a.m.

Rat illi fl-1 ta' Settembru 2023, l-intimati **S.C. & Company Ltd et** ippreżentaw **r-risposta** tagħhom (fol 25) li permezz tagħha, huma sostnew:

*Il-Fatti*

*Din l-Onorabbli Qorti kif preseduta ġa għanda għarfien ampju tal-pożiżżjoni ta' bejn il-kontendenti. Dan għaliex inter alia din semgħet u ddeċidiet ir-rikors ġuramentat tal-esponenti 73/2020 fl-ismijiet "Michael Cutajar et vs Reġistratur tal-Kumpanniji", illi fih, kien intervjena l-attur odjern Salvatore Cutajar.*

*Għandha quddiema wkoll il-kawża rikors numru 33/2022 fl-ismijiet Salvatore Cutajar vs S.C. & Company Limited.*

*F'dawn iż-żewġ proċeduri, tista' tgħid, ġa ntqal dak kollu li jrid jintqal f'din il-kawża. B'danakollu, xorta l-esponenti jridu itennu il-verżjoni tal-fatti veri f'din l-istanza wkoll.*

*Biex il-Qorti ikollha stampa kompleta bħala sies li fuqu trid eventwalment tiddeċiedi, irid jingħata is-sottofond tal-fatti li seħħew bejn il-partijiet matul iż-żmien. Dan għaliex din il-kawża hi parti minn saga sħiħa ta' kawżi u hi prattikament qlugħ mill-ġdid ta' kwistjonijiet li ġa kienu mertu ta' kawżi passati. Essenzjalment, l-atturi qegħdin iqanqlu l-passat u jerġgħu jressquħ fil-preżent taħt bixra xi ftit differenti.*

*Salvatore Cutajar (SC) hu missier ta' familja, u kull ma rnexxilu jagħmel hu li jirrenja fuqha qisu tirann medjovali. Swat, insulti, theddid, moħqrija u manuvri ta' kull xorta. SC beda il-kumpannija in kwistjoni. Dan mhux kontestat. Hu qassam l-ishma fost il-familjari tiegħu. Illum hu għandu sehem żgħir ta' 15%. Ir-Rikorrent l-ieħor Carmelo Cutajar (CC) għandu 10%.*

*Salvatore Cutajar , minkejja li qassam l-ishma fil-kumpannija lil martu u uliedu kollha, dejjem mexa b'regola waħdanija. Hawn tiegħi u ma jindaħalli ħadd! Meta ra li uliedu kibru u bdew juru interess fl-andament tal-kumpanija, dan iddikjara gwerra fuqhom. Bdiet saga ta' kawżi w rapporti li twassal lura sal-1994.*

*Kull darba li jkun hemm xi tentattiv biex jirregolaw il-kwistjonijiet ta' bejniethom, Salvatore Cutajar jaqla' xi problema fl-aħħar mument.*

*Għamel diversi snin bħala amministratur uniku tal-kumpanija. Laqgħat tal-bord tad-diretturi, jew tal-azzjonisti QATT. Annual returns u kontijiet soċjali QATT. Taħwid u intriċċi kontinwi.*

*Sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni, l-esponenti jagħmlu riferenza għax-xhieda ta' Michael Cutajar fir-rikors imsemmi 73/2020, fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2022. F'din ix-xhieda estensiva w dettaljata, Michael Cutajar, espona il-gideb u tgħajjir u t-theddid tar-Rikorrenti. Għalhekk l-esponenti jitolbu lill-onorabbli Qorti sabiex din jogħġobha tordna li kopja ta' din ix-xhieda titqiegħed fl-atti ta' din il-proċedura skans ta' ħafna ripetizzjoni. F'dik ix-xhieda Michael Cutajar jindirizza il-punti kollha imsemmija fil-fatti ta' din il-proċedura .*

*Hemm verita' waħda. Il-kumpanija kienet qiegħda tbagħti fit-tmexxija tagħha minħabba l-abbużi ta' Salvatore Cutajar, u minħabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni tiegħu. Dan, mingħajr ebda raġuni valida, irrifjuta li jiffirma l-kontijiet soċjali tal-kumpanija, u daħħalha f'multi kbar. Bl-iskop li jieħu vantaġġ personali minn konvenju ta' bejgħ ta' art is-Swatar, dan irrifjuta li jidher għal tiġdid obbligatorju fuq konvenju ffirmat minnu stess. Daħħal lil kumpanija f'kawża u waħħalha spejjeż inġenti mhux għal kapriċċ, imma biex jeżerċita rikatt ħalli jieħu miljun euro f'idejh biex jiffirma.*

*L-azzjonisti, wara dan kollu, b'osservanza preċiża tal-liġijiet, sejħu laqgħa straordinarja nhar il-15 t'Awwissu 2020 sabiex jitkeċċa minn direttur. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'maġġoranza ta' 65% tal-ishma tal-kumpanija.*

*Malli ġara hekk, Salvatore Cutajar mar jilmenta u jhedded lill-uffiċjali tar-Reġistru tal-Kumpaniji biex ma jirreġistrax it-tibdiliet, u ma jaċċettax l-accounts. Sfortunatament dan irnexxilu fl-għan tiegħu billi esplojta d-djufija tar-regolatur li baxxa rasu għal dan it-theddid u sal-lum għadu ma tax effett sħiħ għal riżoluzzjoni mgħoddija regolarment minn maġġoranza tal-azzjonisti minkejja ordni ta' din l-istess qorti b'sentenza tat 22 ta' Frar 2023. Kellha ssir il-kawża fuq ċitata "73/2020 fl-ismijiet Michael Cutajar et vs Reġistratur tal-Kumpanniji", illi fih, kien intervjena l-attur odjern Salvatore Cutajar. Din, kif ingħad, nqatgħet minn din l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' Frar 2023, u fiha il-Qorti laqgħet it-talbiet kollha tar-Rikorrenti u ordnat lir-reġistratur li jirreġistra il-formoli w dokumenti kollha – ħaġa li sal-llum għad ma seħħitx għal kollox.*

*Hu veru li filwaqt illi din il-Qorti semgħet in extenso l-ilmenti ta' l-attur Salvatore Cutajar dwar il-laqgħa in kwistjoni tal-15 t'Awwissu 2020, kif ukoll it-trattazzjoni tad-difensur tiegħu, korrettement ma kkumentatx dwar il-mertu tal-validita ta' dik il-laqgħa. Iżda żgur illi osservat is-sotterfuġju ta' Salvatore Cutajar li nqeda bir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex ma jiġi reġistrat xejn mid-deċiżjonijet li ttieħdu fil-laqgħa ġenerali straordinarja tal-15 t'Awwissu 2020 . ISSA, wara tliet snin mil-laqgħa (li warajha saru tliet laqgħat annwali oħrajn) fettillu jiftaħ din il-kawża li fiha, inter alia, jitlob in-nullita' ta' dik il-laqgħa. Dan jingħad sabiex il-Qorti tkun konxja mit-tip ta' aġir li kapaċi jasal jagħmel Salvatore Cutajar.*

*L-Addebiti fir-Rikors Ġuramentat*

*2.1 Imiss issa li l-esponenti iwieġbu direttament għal-addebiti kontenuti fir-rikors promotur.*

*2.2 Il-kontenut tal-ewwel tliet paragrafi mhux kontestat.*

*2.3 Ir-raba' paragrafu konvenjentement ma jgħidx illi kien hemm tweġibiet għall-korrispondenza hemm imsemmija. It-tweġiba hi hawn annessa w markata bħala dokument "A".*

*2.4 Il-ħames paragrafu wkoll konvenjentement ma jgħidx illi l-esponenti kienu inoltraw kontro-protest 283/2020 fis-7 ta' Settembru 2020, li kopja tiegħu hi hawn annessa u markata bħala dokument "B". Permezz ta' dan l-att, l-esponenti li deheru fuqu laqgħu għall-addebiti kollha kontenuti fih.*

*2.5 Il-paragrafi sitta u sebgħa mhux kontestati. Li ma jingħadx hu, li dan seħħ billi Salvatore Cutajar mar għand ir-Reġistratur wara l-kwinti u rnexxielu joħloq biżżejjed biża li dan tassew beda jirrifjuta li jirreġistra l-atti ta' dik il-laqgħa, u di fatti dan wassal għall-kawża 73/2020 kif fuq ġa mfisser, u riportat fil-paragrafu 8 tal-att promotur.*

*2.6 Il-paragrafu disgħa mhux kontestat.*

*2.7 Il-paragrafu għaxra huwa korrett, b'dana iżda li l-Qorti ma qablitx mal-pożizzjoni meħuda mir-Reġistratur u tellfitu l-kawża.*

*2.8 Il-paragrafi ħdax, tnax u tlettax huma sostanzjalment korretti.*

*Il-Kawżali tar-Rikors Ġuramentat*

*3.1. Din tittratta unikament dwar in-nullita' tal-laqgħa ġenerali straordinarja tal-15 t'Awwissu 2020. L-esponenti qegħdin hawn jirreferu għall-punti skond l-enumerazzjoni tal-istess rikors ġuramentat:*

*14.i Il-premessa tikkonsisti filli l-laqgħa issejħet b'qerq, malizzja u mala fidi f'jum li hu btala pubblika preskritta mil-liġi biex Salvatore Cutajar ma jkunx assistit kif jistħoqqlu. L-esponenti jilqgħu għal din il-premessa li ħadd m'għandu dritt jiġi assistit waqt laqgħa ġenerali ta' kumpannija. Il-liġi fl-artiklu 140(1) tgħid ċar illi d-direttur hekk mixli, għandu dritt li jinstama'. Imkien ma jingħata dritt għall-assistenza. Il-pożizzjoni ta' direttur ta' kumpannija hi waħda prettament fiduċjarja, u tiddependi BISS mill-fiduċja o meno li jkollhom l-azzjonisti fil-persuna ta' direttur. Ma hemmx konsiderazzjonijiet u argumenti legali u smigħ ta' xhieda. Hemm kwistjoni ta' fiduċja. Il-ħatra ta' direttur mhix dritt tal-persuna li jieħu l-ħatra. Hi dritt tal-azzjonisti biss li jagħtuielu u li jħalluħ iżommha sakemm jibqgħu jafdawħ. Jingħad li Salvatore Cutajar ma setgħax jattendi għall-laqgħa, imma ma ngħatatx raġuni il-għala ma setgħax. Jekk Salvatore Cutajar ma setgħax jattendi, kellu jibgħat jispjega in-natura tal-impediment. Il-fatt li forsi ma kellux aptit jattendi dakinhar, mhux raġuni valida għall-assenza tiegħu. Għalhekk din il-kawżali hi għal kollox infondata u fiergħa.*

*14.ii Wisq inqas iġġib in-nullita' il-lokalita' ta' fejn tinżamm il-laqgħa. Sakemm din hi waħda fejn laqgħa tista' raġonevolment issir mingħajr xkiel, jew periklu, il-lokalita' hi irrilevanti. Il-kumpannija ili żżomm laqgħat fl-istess post għal diversi snin, mingħajr problemi. Din il-kawżali ukoll infondata u fiergħa.*

*14.iii L-allegata nullita' tal-kurazija ta' Leonarda Cutajar ma tistax tiġi invokata f'din l-istanza, billi din hi mertu ta' kawża oħra quddiem Qorti oħra rikors ġuramentat 316/2022FDP1. L-esponenti jixtiequ jwieġbu għall-addebitu malafamanti li l-kuraturi ta' Leonarda Cutajar qegħdin jabbużaw mis-setgħat tagħhom, u li mhux qegħdin jieħdu ħsiebha. Il-kuraturi huma imqabbdin mill-Qorti, u jagħtu rendikonti skond il-liġi. Carmelo Cutajar jivvinta rapporti lill-Pulizija u awtoritajiet oħrajn biex ifixkel lill-kuraturi ta' ommu stess. Dan jagħmlu biex jaħbi xturu. Hu jaf illi ser ikollu jwieġeb għal somma kbira ta' flus li ħa lill-ommu stess, u dan hu wieħed mill-modi ta' kif ibiegħed , jaħseb hu, dik il-ġurnata. Jingħad ukoll illi waħda mill-azzjonisti tal-kumpannija hi Leonarda Cutajar, mart Salvatore Cutajar , iżda separata minn miegħu. Din hi persuna anzjana li għaddiet ħajjitha f'din il-miżerja ta' tirannija ta' żewġha Salvatore Cutajar . Kienet suġġetta għal theddid kontinwu (u ta' dan hemm provi f'kawża oħra li Salvatore Cutajar għandu kontra tagħha – kawża 1037/2019MH – fejn riċentement waqt l-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2023, L-eks Supretendent Antonello Grech, għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija xehed fuq sensiela interminabbli ta' rapporti magħmulin lill-Pulizija minn Leonarda Cutajar jew għan-nom tagħha, kontra Salvatore Cutajar ), u għażlet li titlob li tkun inabilitata u li jkunu appuntati żewġ binha oħrajn, Joseph Mary Cutajar, u Leonard Cutajar bħala kuraturi biex jassistuha w jirrappreżentawha. Minħabba li Leonarda Cutajar hi wkoll azzjonista tal-kumpannija, bi 15% tal-ishma, kien u għadu fl-interess ta' Salvatore Cutajar u Carmelo Cutajar illi il-kuraturi preżenti li jappoġġjaw il-maġġoranza, jitneħħew minn kuraturi ta' Leonarda Cutajar. Għalhekk saret il-kawża 316/2022FD minn Carmelo Cutajar. Dan jittanta jsib xi formalita' bħala skuża biex jattakka l-validita' tal-ħatra ta' Joseph M Cutajar u Leonard Cutajar bħala kuraturi ta' Leonarda Cutajar. Mingħajr mistħija, wara hafna pożi li dan qed isir biex jipproteġi lill-ommu minn amministrazzjoni ħażina, l-istess CC jitfixkel f'saqajħ stess. Dan għaliex f'din il-kawża, fil-paragrafi 7 u 8 tar-rikors ir-rikorrent Carmelo Cutajar jistqarr illi din il-kurazija qegħda tinċidi fuq kif titmexxa l-kumpannija. B'hekk addio l-interess t'ommu Leonarda Cutajar. L-interess hu biss dak materjali tiegħu.*

*14.iv Dan l-inċiż mhux kawżali imma rakkont msejjes fuq il-perspettiva preġudikata ta' Salvatore Cutajar . Li l-maġġor parti tal-assi tal-kumpannija kienet ġiet akkwistata bil-ħidma tiegħu, qatt ma ġie kontestat. Iżda jekk għamel xi xogħol mal-Gvern fuq esproprjazzjonijiet ta' art, dan żur ma sarx f'dawn l-aħħar snin. Li jgħid li l-konvenuti għandhom biss interess li jaqilbu propjetajiet tal-kumpannija fuqhom innifishom hi invenzjoni. L-interess ta' kulħadd, inkluż l-atturi, hu li l-artijiet tal-kumpannija jinbiegħu bi prezz tajjeb , sabiex il-kumpannija tkun tista' tqassam il-qligħ fost l-azzjonisti. L-esponenti ġa f'kawżi oħrajn spjegaw illi huma kellhom jieħdu ħsieb il-kumpannija u jagħmlu l-kontijiet soċjali u jdaħħlu l-formoli meħtieġa mil-liġi u jagħmlu l-laqgħat statutorji. L-atturi qatt ma kkoperaw f'dawn il-proċeduri.*

[1] Dan apparti li din l-Onorabbli Qorti m'għandiex il-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi dan l-ilment

*L-esponenti sabu li l-kumpannija, meta kienet taħt l-amministrazzjoni ta' Salvatore Cutajar kienet lura b'diversi snin fuq kwistjonijiet regolatorji, u passibbli għal multi. Huma ħadu r-responsabbilta' li jwettqu dan ix-xogħol u għamluħ u għadhom jagħmluħ mingħajr ħlas.*

*14.v Din il-parti wkoll ma tgħoddx bħala kawżali. Hawn Salvatore Cutajar qed jipprova jiġġustifika l-aġir tiegħu fil-kwistjoni ta' Tuminvest u l-konvenju tas-Swatar. Salvatore Cutajar ma jistgħax jgħid li ma jaqbilx mat-termini tal-konvenju meta iffirmaħ hu stess! Dwar dan il-punt l-esponenti għandhom ħafna x'jgħidu u jinsistu illi bl-aġir illegali u irrazzjonali tiegħu, Salvatore Cutajar daħħal lill-kumpannija fi spiża kbira inutilment. Salvatore Cutajar spiċċa li ħassar in-negozju li kellu potenzjal iġib l'fuq minn sitt miljun Euro lill-kumpannija. Kien propju dwar dan l-inċident li tkeċċa minn direttur fil-laqgħa tal-15 t'Awwissu 2020.  Għal issa mhux ser jingħad iktar billi dan l-episodju ma jinċidix fuq it-talbiet, u qed jissemma' mill-atturi biex ikunu żiedu xi ħaġa.*

*3.2 Dwar il-paragrafu ħmistax, jingħad sempliċiment illi id-diretturi attwali igawdu l-fiduċja ta' 75% mill-azzjonisti tal-kumpannija.*

*3.3 Dwar il-paragrafu sittax, hu veru li ma hemmx qbil fuq is-somma dovuta mill-kumpannija lil Salvatore Cutajar. Skond il-kotba tal-kumpannija dan qed jitlob ammont għall-aħħar esaġerat u mhux sorrett mill-fatti u li jikser il-liġi. Salvatore Cutajar kien ġa fetaħ kawża kontra l-kumpannija fuq mertu identiku bin-numru 615/2000. Din il-kawża ġiet ċeduta minnu stess snin wara, meta kien hemm tentattiv ta' ftehim ta' qasma tal-kumpannija li spiċċa fix-xejn minħabba li kif ingħad, malli jkun hemm tama ta' ftehim, jivvinta xi ħaġa oħra.  Jekk Salvatore Cutajar jidhirlu li hu kreditur tal-kumpannija f'somma ogħla minn dik riportata fil-kontijiet soċjali, dan ma jistax jitlob lil din il-Qorti tikkorreġi l-kontijiet. Jista' jiftaħ istanza quddiem is-sezzjoni kompetenti ta' din il-Qorti fejn jitlob kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu. Jekk jirriżulta li għandu raġun, il-kontijiet soċjali jinbidlu biex juru s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija wara dik is-sentenza.*

*3.4 Dwar il-paragrafu sbatax, Salvatore Cutajar jaf tajjeb illi il-kumpannija filwaqt li għandha propjetà ta' valur għoli, m'għandha likwidita' ta' xejn, u lanqas kont il-bank. Dan ukoll riżultat tat-tfixkil li qala' l-istess Salvatore Cutajar, illi sakemm kien direttur, ma kien qatt lest jiffirma xejn u jrid li kollox jibqa' staġnat. Salvatore Cutajar jaf li l-uniku mod ta' kif għandu jitħallas hu bil-bejgħ tal-propjetajiet tal-kumpannija. Jingħad hawn illi l-esponenti Leonarda Cutajar għandha tieħu daqs kemm hu dovut lil Salvatore Cutajar u iktar. Din kienet ġiet indotta tagħti garanzijja lill-kumpannija bil-qerq tar-Rikorrenti u kellha tbiegħ propjeta' tagħha biex jitħallas dejn dovut lil terz kreditur tal-kumpannija, Keith John Abela Fitzpatrick. Uħud mill-esponenti ukoll huma krendituri tal-kumpannija billi ilhom jiżborżjaw spejjeż minn buthom għal dawn l-aħħar snin.*

*Eċċezzjonijiet*

*L-esponenti jeċċepixxu hekk:*

1. *Illi l-ewwel tliet talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ma hemm l-ebda nullita' tal-laqgħa ġenerali straordinarja tal-15 t'Awwisu 2020, u tal-atti sussegwenti għaliha.*
2. *Illi r-raba' talba hi wkoll infondata, kull korrezzjoni li setgħet teħtieġ għall-kontijiet soċjali setgħet u kellha ssir fl-ambitu tal-laqgħat ġenerali annwali li l-atturi m'attendewx għalihom. Illi it-talba għal korrezzjoni fil-kontijiet soċjali minn din il-Qorti hi improponibbli, u għandha tkun miċħuda.*

3. *Dwar ir-raba talba wkoll qed ikun eċċepit in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur Carmelo Maria Cutajar.*

4. *<u>Dwar il-ħames talba, qed tiġi eċċepita l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ratione materiae skond ir-regolament 5A tal-L.S 12.19, li jirregola l-kompetenza ta' din is-sezzjoni tal-Qrati Ċivili, u għalhekk l-esponenti għandhom ikunu meħlusin mill-osservanza tal-ġudizzju fuq din it-talba.</u> Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, l-esponenti jikkonċedu, kif dejjem ikkonċedew, illi l-kumpannija hi debitriċi ta' Salvatore Cutajar f'somma ferm inferjuri għal dik li jippretendi Salvatore Cutajar u li jekk ikun il-każ, tiġi spjegata waqt ix-xhieda u/jew trattazzjoni. B'dan iżda li qed tkun eċċepita il-preskrizzjoni skond l-2156(f) tal-Kap.16, għal kull ammont li jeċċedi s-somma ammessa fuq il-kontijiet soċjali tal-kumpannija.*

5. *Dwar is-sitt talba, jiġi eċċepit li din tista' tiġi kkunsidrata biss fl-ambitu ta' azzjoni taħt l-artikolu 402 tal-Kap.386, li mhux il-każ odjern. Fil-mertu, ma jirriżulta l-ebda aġir ħażin jew suspettuż minn naħa tad-diretturi, li jgawdu l-fiduċja ta' tliet kwarti mill-azzjonisti, u għandhom jitħallew imexxu lill-kumpannija mingħajr iktar xkiel – li rnexxilu joħloq Salvatore Cutajar bil-kompliċita' tal-attur l-ieħor Carmelo Cutajar. Għalhekk din it-talba mhux mistħoqqa u għandha tiġi miċħuda.*

6. *<u>Dwar is-seba' talba qed tiġi eċċepita l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ratione materiae skond ir-regolament 5A tal-L.S 12.19, li jirregola l-kompetenza ta' din is-sezzjoni tal-Qrati Ċivili, u għalhekk l-esponenti għandhom ikunu meħlusin mill-osservanza tal-ġudizzju fuq din it-talba</u>. Iżda Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, fil-mertu l-esponenti jeċċepixxu il-preskrizzjoni skond l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16.*

7. *Għalhekk l-esponenti jilqgħu għat-talbiet billi jissottomettu li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt, apparti li l-ħames u s-seba' talba qed isiru quddiem Qorti li mhix kompetenti tismagħhom, u għalhekk għandhom ikunu miċħuda kollha bl-ispejjeż kontra l-atturi li jibqgħu nġunti minn issa stess għas-subizzjoni.*

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023, id-difensur tal-intimati għamel referenza għall-paragrafi erbgħa (4) u sitta (6) tar-risposta tal-intimati minnu rappreżentati u talab lill-Qorti sabiex tisma' qabel xejn it-trattazzjoni dwar l-istess eċċezzjonijiet bil-għan li jiġu determinati qabel – liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti.

Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2023, giet ippreżentata r-risposta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji (fol 42), li tgħid hekk:

*Illi dwar it-talbiet kif huma magħmula mir-rikkorenti l-esponent Reġistratur tal-Kumpaniji qiegħed jirrimetti ruħhu għal- provi u għall-ġudizzju superjuri ta' dina l-Onorrabli Qorti,*

*Illi l-esponent huwa lest li joqgħod għal kull provvediment u direttivi illi dina l-Onorrabli Qorti jidrilha illi għandha timponi skont il-kaz u ċ-ċirkostanzi partikolari quddiemha,*

*Illi r-Reġistratur proċeda sabiex irreġIstra d-dokumentazzjoni relevanti skont dan il- kaz, wara illi ġie mitlub illi jagħmel dan u wara illi mexa skont is-sentenza mogħtija minn dina l-istess Onorrabli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Micheal Cutajar et Reġistratur tal-Kumpaniji (Rikors Numru 73/2020 ISB),*

*Illi ta' min jgħid illi meta r-Reġistratur jirreġIstra u jippublika d-dokumentazzjoni mitluba illi tiġi sottomessa lilhu taħt xi provediment tal-Att huwa jagħmel dan billi poġġi talli dokumentazzjoni fuq website pubblika mizmuma minnhu. Dan skont l-Artikolu 400 tal-istess Att,*

*Illi fil-fehma umli tal-esponent ir-Reġistru huwa sempliċement depozitu fejn tinzamm d- dokumentazzjoni kollha illi tiġi sottomessa lir-Reġistratur u li tinġabar skont l-Att minn meta tiġi nkorporata kumpanija sakemm tkompli bl-ezistenza tagħha iġifieri sakemm isimha ma jitħassarx minn fuq tali reġistru.Din il-funzjoni pubbika tal-esponent hija ben definita mill-liġi iktar speċifikament mill-Att dwar il-Kumpanniji,*

*Illi huwa għalhekk importanti illi tali dokumentazzjoni tkun tirrifletti l-veraċita u l-korrettezza kollha fil-fatt u fid-dritt. Dan sabiex jiġi eliminat kull element t' abbuz jew inċertezza speċjalment sabiex jiġu mħarrsa interessi ta' terzi persuni, liema interessi l-esponent huwa obbligat legalment illi jħares,*

*Illi għalhekk huwa ukoll verament importanti illi l-ufficjali u l-azzjonisti ma jabbuzawx mill-pozizzjoni tagħhom u mir-rwol tagħhom illi taghtihom il-liġi bħala tali billi illum jgħidu u jinsistu li dokumentazzjoni tigi reġistrata biex imbagħad eventwalment l-uffiċjali jew l-azzjonisti tal-istess kumpannija jitolbu illi tali dokumentazzjoni tiġi sfilzata jew mħassra,*

*Illi ghaldaqstant kif ġustament saħħqet dina l-istess Onorabbli Qorti fil-proċeduri msemmija iktar qabel ir-Reġistratur m' għandhu qatt jiġi mdahhal f' tilwim jew dizgwid intern bejn membri ta' xi socjeta illi giet reġistrata miegħu. Tali kwistjonijiet għandhom jiġu ndirizzati u sussegwement ddeterminati mill-Qorti kompetenti f'proċess ġudizzjarji appositi,*

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur umilment jissolleva illi ma kellux ikun wieħed mill-leġittimi kontraditur fil-proċeduri odjerni u għalhekk wisq anqas għandhu jinzamm responsabbli għal xi forma ta' spejjez ġudizzarji konessi ma' dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez*

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2024, sarat id-dikjarazzjoni tal-partijiet li m'għandhomx provi xi jressqu fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari kontenuti fil-paragrafi erbgħa (4) u sitta (6) tar-risposta tal-intimati u semgħet it-trattazzjonijiet tal-istess partijiet fir-rigward.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2024 bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza in parte dwar eċċezzjonijiet preliminari kontenuti fil-paragrafi erbgħa (4) u sitta (6) tar-risposta ġuramentata limitatament għall-kwistjoni tal-kompetenza *ratione matariae* tagħha *o meno* (għalhekk is-sottolinear tal-partijiet relattivi tal-imsemmija eċċezzjonijiet għal din id-deċiżjoni fir-riproduzzjoni tal-eċċezzjonijiet kif hawn fuq rifless).

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi fir-risposta tagħhom l-intimati eċċepew l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* fir-rigward tal-ħames (5) u s-seba' (7) talbiet rikorrenti stante r-regolament 5A tal-L.S. 12.19 li jirregola l-kompetenza ta' din is-sezzjoni tal-Qrati Ċivili, u għalhekk jikkontendu li għandhom jiġu meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju dwar dawn it-talbiet.

Fit-trattazzjoni tagħhom isostnu li l-Liġi Sussidjarja 12.19 huwa ċar u jistipula l-kompetenza ta' din il-Qorti u għalhekk huwa ċar li dak mitlub fiż-żewġ talbiet imsemmija għandu jaqa' fil-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza ġenerali tagħha stante li mhumiex talbiet illi jemanu mil-liġi tal-kumpaniji.

Jikkontendu li l-ħames talba tikkonċerna prestazzjonijiet u self illi r-rikorrent Salvatore Cutajar jgħid illi għamel lill-kumpanija li ma toħroġx mill-att dwar il-Kumpaniji u ċjoè jekk ir-rikorrent sofra telf ta' impjieg id-drittijiet pertinenti ma jirriżultawx mill-Att dwar il-Kumpaniji, iżda mil-liġi ġenerali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-rikorrenti min-naħa tagħhom jibdew biex jgħidu li l-Liġi Sussidjarja 12.19 huwa att leġislattiv amministrattiv li permezz tiegħu nħolqu diversi sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili u jservi bħala gwida lir-reġistratur sabiex jassenja l-kawżi u jikkontendu li dan hu evidenti mill-artikolu 8 tal-istess li

jindika li fejn mhux ċara l-kompetenza, l-att jiġi riferit lill-Prim' Imħallef sabiex jagħti d-direzzjoni tiegħu.

Isostnu li l-azzjoni *de quo* tikkonċerna azzjonisti minoritarji li qegħdin ifittxu illi jikkawtelaw il-jeddijiet tagħhom di fronti l-allegat abbuż u d-dominanza tal-azzjonisti maġġoritarji li jaqa' proprju fil-qafas tal-Qorti odjerna u ma' dan qed jiġu nklużi talbiet li jikkonċernaw l-kontijiet soċjali tal-kumpanija fejn hemm qbil illi Salvatore Cutajar huwa kreditur tal-kumpanija, iżda m'hemmx qbil dwar il-kwantum.

Jirreferu għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Fenech vs Carmel Cortis** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Settembru 2022 dwar kwistjonijiet ta' kompetenza u jispjegaw li m'hemm xejn milli jżomm lill-attur milli jiġi f'azzjoni li fiha aktar minn talba waħda mibnija fuq aktar minn sies legali jew ġuridiku wieħed.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Artikolu 5A tal-Liġi Sussidjarja 12.19 jgħid testwalment hekk:

> ***5A**. Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, u l-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi.*

Il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Middle Sea Insurance plc vs The Cargo Handling Company Ltd et,** deċiża fil-25 ta' Settembru 2003, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, il-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ [App. Ċiv. 7.10.1997 fil-kawża fl-ismijiet **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et** (mhix pubblikata)];*

> *Illi l-imsemmija regola ewlenija hija komplimentata bl-oħra fejn jingħad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jingħad fl-azzjoni attriċi, imma wkoll minn dak li jressaq l-imħarrek bħala eċċezzjoni [App. Inf. 31.7.1996 fil-kawża fl-ismijiet* **Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe** *(mhix pubblikata), u ara wkoll art. 754 tal-Kap 12].*
>
> *Kemm hu hekk, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Novembru 1992 fil-kawża fl-ismijiet* <u>*Ġużeppa Borg vs Maria Mizzi et*</u> *[P.A. JSP, Ċitazz 1104/92] ingħad li "għall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti, għandu jittieħed kont mhux biss tat-talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut*

Ukoll, illi kif sostnew il-Qrati tagħna, bħal fil-każ **Edmund Mugliette et Intertecnica Properties Limited** (725/2001PS tat-13 ta' Ġunju 2007), fejn il-Qorti tal-Appell qalet:

> *Illi hu ben rikonoxxut illi meta tinsorgi kwestjoni ta' kompetenza u ghal fini li l-Qorti adita tindividwa jekk ghandhiex tali kompetenza ghal raguni tal-materja, hi ghandha, qabel xejn, bhala parti mill-process ta' verifika, thares lejn l-oggett tad-domanda ta' l-attur kif impustata fl-att promotur u tac-cirkustanzi migjuba biex isostnuha.*
>
> *Ma jistax jonqos, pero`, li f'dan l-istharrig l-Qorti adita tiehu rigward ta' dawk l-eccezzjonijiet li minn natura taghhom jimpingu fuq id-determinazzjoni tal-kompetenza, kompriz f'dan id-deduzzjonijiet tal-konvenut. Hu in bazi ghal din l-indagini sommarja, u minghajr il-bzonn ta' deliberazzjoni zejda tal-mertu, illi l-Qorti ghandha tiddetermina ghal fini ta' ordni processwali jekk prima facie tikkonfigurax il-kompetenza proprja.*

Inoltre, il-Qorti tal-Appell qalet ukoll, fis-sentenza tagħha għall-kawża **Josephine Spiteri vs l-Uffiċċju Kongunt** et (66/2007PS deċiża 17.04.2009):

> *Illi preliminarjament f'dan l-istadju qed tigi investita l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, senjatament in-nuqqas ta' kompetenza ta'*

*din il-qorti, u dan, "ratione materie", ai termini ta' l-artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi biex tkun tista' tigi indirizzata din il-vertenza jenhtieg qabel xejn li jigi ezaminat il-limitu tat-termini tar-rikors promotur, u dan, kif issostni l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tas-7 t'Ottubru ta' l-1997, fl-ismijiet* ***Francis Refalo noe vs Jason Azzopardi*** *et fejn sostniet li:*
*"hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterimnaw il-kompetenza taghha", (ara fol 34, Qorti ta' l-Appell, per Onor. Imhallef Philip Sciberras, fl-ismijiet Barbara et vs Konjugi Camilleri et, datata l-1 ta' Dicembru, 2004).*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Magħruf dan l-insenjament, għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk għandiex tisma' l-mertu tal-kawża odjerna billi teżamina t-talbiet rikorrenti u l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati.

Minn qari tar-rikors promotur u t-**talbiet rikorrenti**, din il-Qorti tinnota s-segwenti:

Illi l-kawża primarjament tikkonċerna l-validità *o meno* tal-azzjoni li ħadu l-membri tal-kumpanija ntimata permezz ta' laqgħa straodinarja li seħħet fil-15 ta' Awwissu 2020 u għalhekk l-ewwel talbiet rikorrenti, li dwarhom m'hemmx kontestazzjoni dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti, jirrigwardaw l-istess.

Oltre minn hekk, ir-rikorrent jisħaq li huwa kreditur tal-kumpanija iżda ma hemmx qbil dwar l-ammont tal-kreditu u għalhekk qed jikkontesta l-kontijiet soċjali tal-kumpanija, u konsegwentement talab li tali kreditu jiġi likwidat minn din il-Qorti u ssir il-kundanna għal ħlas relattiva jekk ikun il-każ.

Finalment, qiegħed jitlob li f'każ li l-Qorti tiċħad it-talbiet fir-rigward tal-laqgħa straordinarja tal-15 ta' Awwissu 2020, tillikwida favur tiegħu u tordna li jiġi mħallas kumpens stante t-terminazzjoni tiegħu bħala direttur tal-kumpanija.

B'hekk il-Qorti tifhem li hemm **żewġ kwistjonijiet prinċipali** u ċjoè t-terminazzjoni tar-rikorrent mill-kariga tiegħu ta' direttur permezz ta' riżoluzzjoni li ttieħdet fil-laqgħa straordinarja tal-15 ta' Awwissu 2020 u l-kreditu tal-istess rikorrent vis-a-vis is-soċjetà intimata kif riżultanti mill-kontijiet soċjali tal-kumpanija.

Ma hemm l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti li t-tneħħija ta' direttur mill-kariga tiegħu hija materja regolata mill-Att dwar il-Kumpaniji u fil-fatt l-intimati mhumiex qed jikkontestaw il-kompetenza ta' din il-Qorti fil-kwistjoni ċentrali iżda jidher illi dak li qed jikkontestaw huwa jekk din il-Qorti għandiex kompetenza *rationae matariae* fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti għall-kumpens jekk kemm-il darba t-tneħħija tiegħu mill-kariga ta' direttur tirrizulta valida.

F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li l-Att dwar il-Kumpaniji jipprovdi għal din is-sitwazzjoni permezz tal-Artikolu 140(5) tal-istess att fejn ma jeskludix din it-tip ta' azzjoni da parti tad-direttur li jkun tneħħa mill-kariga tieghu.

B'hekk indubjament li din hija materja li hija regolata mal-istess Att. Oltre minn hekk, din il-Qorti ma tarax kif it-talbiet jistgħu jiġu separati u ddikjarati bħala li jaqgħu taħt kompetenzi ta' Qrati separati u dana stante li dan ikun jimplika li f'każ li din il-Qorti kellha tiddikjara li l-laqgħa straordinarja u r-rezoluzzjonijiet meħuda fil-15 ta' Awwissu 2020 kienu validi, allura r-rikorrent ikollu jintavola proċedura mill-ġdid sabiex jiġu likwidati d-danni. Ċertament li l-leġislatur la kellu dan f'moħħu meta ġie mfassal l-artikolu 140 tal-Att dwar il-Kumpaniji u lanqas ma kellu dan f'moħħu meta fassal il-Liġi Sussidjarja 12.19.

Fir-rigward tat-tieni kwistjoni, u ċjoè l-allegati kontijiet soċjali żbaljati minħabba li l-allegat kreditu tar-rikorrenti mhux ben dikjarat hu marbut mal-obbligu tad-diretturi tal-kumpanija li jippreżentaw kontijiet soċjali korretti u għalhekk huma marbuta mal-obbligi tad-diretturi u tal-kumpanija nnifisha li jippreżentaw kontijiet annwali korretti. Din il-Qorti ma teskludix il-possibilita` li r-rikorrent seta' jaġixxi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik il-Qorti tillikwida kwalunkwe kreditu lilu dovut, iżda mill-kliem tar-rikors, din il-Qorti tifhem li t-tilwima prinċipali f'dan ir-rigward mhix l-kreditu dovut iżda n-nuqqas ta' korrettezza fil-kotba soċjali, li ċertament hija materja li ssib ruħu fil-parametri tal-Att dwar il-Kumpaniji.

Min-naħa l-oħra, mir-risposta tal-**intimati,** il-Qorti tinnota illi l-kwistjoni bejn il-partijiet, iddur fejn iddur, hija proprju dwar it-tmexxija tal-kumpanija intimata S.C.& Company Limited. Fir-risposta tagħhom l-intimati jinsistu li

kull ma sar fil-laqgħa straordinarja tal-15 ta' Awwissu 2020 u r-riżoluzzjonijiet meħuda, kienu skont il-liġi u jinsistu wkoll li l-kontijiet soċjali kienu korretti. Din ċertament li hija materja regolata mill-Att dwar il-Kumpaniji u hija materja illi taqa' fil-parametri tal-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tissindika.

**Għaldaqstant**, in vista tas-suespost, u tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li l-mertu tal-każ jikkonċerna materji u punti marbuta mal-Att dwar il-Kumpaniji u għalhekk jagħmel sens li tkun din il-Qorti odjerna u ċjoè il-Qorti speċjalizzata f'dawn il-materji li tisma' u tiddeċiedi l-vertenza fit-totalità tagħha u għalhekk ser tkun qed tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati S.C. & Company Limited et f'dan ir-rigward.

## DECIDE

**Għaldaqstant** għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti qegħda:

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kontenuti fil-paragrafi numri erbgħa (4) u sitta (6) tal-intimati S.C. & Company Limited et sa fejn dawn jirrigwardaw il-kompetenza *ratione materiae* tagħha;

2. **Tordna** l-prosegwiment tal-proċeduri odjerni.

L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu riżervati għal ġudizzju finali.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**